MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru 890/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**OMMISSIS X**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ommissis X ta’ Ommissis sena, iben Ommissis, imwieled fil-Pieta’ nhar Ommissis, residenti gewwa Ommissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru Ommissis;

Illi hu akkuzat talli fil-Belt Valletta, fis-snin 2003, 2004 u 2005, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda cioe’ talli:

1. b’eghmil zieni kkorrompa persuna ta’ taht l-eta’ ta’ tnax-il sena, cioe lil Ommissis Child, b’theddid jew b’qerq u dan ukoll bis-setgha ta’ tutur,
2. bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, cioe lil Ommissis Child, kontra l-volonta’ taghha, u dan biex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha,
3. fl-istess zminijiet u cirkustanzi, hedded jew insulenta bi kliem lill-istess Ommissis Child.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikli tal-Avukat Generali a fol 90 taht liema Artikli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-4 ta’ Frar 2011 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat dwar l-ewwel akkuza;

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza si tratta ta’ korruzzjoni ta’ minorenni meta din kellha bejn sitta u seba’ snin mill-imputat illi dak iz-zmien kien il-*partner* tal-omm il-minuri. L-akkuza ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat b’theddid jew qerq u minn persuna li kellu taht idejh il-kura anke temporanja tal-istess minuri huwa ammess mill-imputat (ara fol 28). Minkejja dan id-difiza fi trattazzjoni taghha tissottometti illi ebda theddid ma rrizulta mill-provi kif del resto ma jirrizultax is-sekwestru tal-persuna.

Ikkunsidrat:

L-imputat fl-istqarrija tieghu (a fol 15) ammetta illi huwa kien abbuza sesswalment minn Ommissis Child meta din kellha biss bejn sitta u seba’ snin u cioe’ qabel ma ghamlet il-pracett. Illi mix-xhieda tal-minuri Ommissis Child ara a fol 40 A et seq. jirrizulta illi wara s-separazzjoni tal-genituri taghha l-kwerelanti kellha relazzjoni mal-imputat li beda jghix maghha. Illi matul dan iz-zmien Ommissis Child xhedet illi l-imputat beda jmiss il-parti genitali taghha u kien jghidilha biex ma titkellimx, u li ma kienu qed jaghmlu xejn hazin,

**“kien jghidli biex ma nghajjatx u ma nikbkix. Imma jien xorta kont nibki ghax kont inwegga’ ”(ara fol 41).**

Ommissis Child xhedet li l-imputat kien jordnalha tinza, jinza hu u jdahhal subajh fil-parti genitali taghha u kien hawn illi kienet twegga’. Il-minuri xhedet li dan kien jigri matul il-lejl meta ommha kienet tkun rieqda u l-imputat kien jidhol inkis inkis fil-kamra tal-minuri. A fol 42 Ommissis Child xhedet illi l-imputat kien igieghlha tmiss il-parti genitali tieghu fuq il-laham u li minn din il-parti genitali kien johrog likwidu abjad. Imbaghad kien jitlobha tiftah halqa, skond il-minuri, biex idahhal il-parti tieghu go halqa izda hi qatt ma hallietu. A fol 43 Ommissis Child xhedet li l-imputat kien ghex ma’ ommha ghal sentejn u li dan l-abbuz kien beda wara hames xhur illi kien beda jghix maghhom. Il-minuri xhedet illi hija kienet tghid lill-imputat biex jieqaf izda hu kien jghidilha li huma ma kienu qed jaghmlu xejn hazin u biex toqghod kwieta.

F’okkazzjoni minnhom wara li kien rega’ sehh l-abbuz sesswali, il-minuri qalet lil imputat li kienet ser tmur tghid kollox lil ommha u l-imputat kien sakkarha flimkien ma’ huwa z-zghir ghal ftit zmien. Il-minuri rrakkuntat ukoll li darba minnhom ommha kwazi dahlet fuqhom meta kien ser jibda l-abbuzz sesswali izda t-tnejn kienu ghadhom bl-ilbies. Kien hemmhekk illi ommha kienet qalet lill-imputat biex jaqbad hwejgu u jitlaq. Ommissis Child xhedet illi meta kien jigri l-abbuz sesswali l-imputat kien ikun fis-sakra u b’riha ta’ xorb qawwijja fuqu.

Ommissis Mother a fol 26 ikkonfermat li hija mizzewga, separata u kellha tlett itfal Ommissis B, Ommissis Child u Ommissis A u li Ommissis Child kellha 13-il sena. Il-kwerelanti xhedet li in segwitu tas-separazzjoni taghha, bdiet tghix mal-imputat. Dak iz-zmien Ommissis Child kellha sitt snin u kienet ghadha ma ghamlitx il-pracett.

Il-kwerelanta xhedet illi hi u l-habiba taghha Ommissis Friend kienu ser jiehdu lit-tfal gurnata bahar u l-kwerelanta qalet lil bintha Ommissis Child li l-imputat kien ser ikun hemm u kien hemmhekk illi t-tifla Ommissis Child bdiet tinsisti li hi ma kinitx ser tmur maghha minkejja illi din kienet ser tkun celebrazzjoni tal-*birthday* tal-mama taghha. Illi Ommissis Mother indunat bil-bidla fl-umur ta' bintha u nsistiet maghha biex tghidilha x'gara u kien hemmhekk li qaltilha illi l-imputat dak iz-zmien "kien pastaz mieghi" u ftit ftit qaltilha dak kollu illi ghaddiet minnu. Ommissis Mother a fol 31 et seq. xhedet illi cemplet lil habiba taghha Ommissis Friend qaltilha b'dak kollu li bintha Ommissis Child kienet qaltilha u marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-pulizija. Ommissis Mother xhedet illi tiftakar li kien hemm okkazzjoni meta rat lil bintha wieqfa dritta mal-komodina b'idejha stirati mal-gemb maqghudin b'ponn izda qatt ma ghadditielha minn rasha illi l-imputat kien qed jabbuza minn bintha. Ommissis Father ikkonferma l-kwerela li ghamlet martu Ommissis Mother u xtaq jipprocedi bil-kawza. Ommissis Friend a fol 59 ikkonfermat ix-xhieda ta' Ommissis Mother.

PC 1359 Reuben Zammit ikkonferma l-istqarrija tal-imputat.

A fol 66 WPC 238 Monica Bartolo, ikkonfermat ir-rapport ta' Ommissis Mother fuq l-abbuz sesswali tat-tifla taghha Ommissis Child meta din kellha sitt snin mill-imputat Ommissis X. WPC 238 Bartolo, ikkonfermat illi l-kwerelanti kienet ixxukjata hafna b'dak li kien gara.

PS 1229 Antione Celia kkonferma illi huwa kien inkarigat biex u fil-fatt esegwixxa mandat ta' arrest kontra l-imputat Ommissis X.

L-ispettur Graziella Muscat, ikkonfermat ix-xhieda ta' Ommissis Mother, ikkonfermat kif l-ahbar tal-abbuz sesswali fuq bintha kienet iddistrugga lill-kwerelanti u kkonfermat ukoll ix-xhieda ta' Ommissis Child ghal dak illi jikkonsisti fl-abbuz sesswali, bil-konferma tal-eta' tal-minuri meta sehh dan l-abbuz u li l-imputat kien jghid lill-minuri li ma kienu qed jaghmlu xejn hazin. Spettur Muscat xhedet li skond il-minuri l-imputat kien ikollu dejjem riha ta' xorb qawwijja fuqu waqt li kien isir l-abbuz sesswali. Spettur Muscat xhedet illi hija kienet inghatat mandat ta' arrest iffirmat mill-Magistrat Audrey Demicoli u l-arrest tal-imputat kien gie ezegwit minn PS1229 u WPC 238. A fol 80 Spettur Muscat xhedet li l-imputat kien ikkopera mal-pulizija u ammetta l-allegazzjonijiet tal-abbuz sesswali fuq Ommissis Child. Spettur Muscat ikkonfermat l-istqarrija tal-imputat a fol 14-16 tal-process.

Ikkunsidrat:

Minkejja li l-imputat, fl-istqarrija tieghu, jammetti li l-abbuz sesswali fuq din it-tifla sehh biss f'zewg okkazzjonijiet unici u li kien ristrett biss ghal mess, din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta' Ommissis Child, il-manjiera li biha tat ix-xhieda taghha, il-misthija taghha, is-sens ta' vergonja u umiljazzjoni ta' din il-minuri, taghraf li Ommissis Child kienet qed tghid il-verita' kollha fir-rakkont taghha; u li l-abbuz sar diversi drabi matul il-lejl; li l-abbuz kien jinkludi l-mess tal-parti genitali ta' din it-tifla, it-tqeghid sfurzat ta' id il-minuri fuq il-parti genitali tal-imputat u l-intromissjoni tas-swaba tal-imputat fil-vagina tal-minuri tant illi kienet twegga' u tibki.

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa mixli Artikoli 203 (1) (a) (b) (c) (2) Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artiklu jipprovdi:

**(1) Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:**

**Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;**

**(*b*) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;**

**(*ċ*) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.**

**(2) Id-disposizzjoni tal-artikolu 197(4) tgħodd ukoll għad-delitt imsemmi f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir minn axxendent jew tutur.**

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti b'sentenzi illi jindirizzaw dak li jista' jigi kkaratterizzat jew dak illi jikkonsisti f'*atti di bidin*i jew *lewd acts* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik ta' Pulizija versus Wiffen.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Pulizija versus Wiffen,** deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts***

***of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Imbaghad fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe', il-mess tal-parti genitali tal-minuri, l-intromessjoni tas-swaba tal-imputat fil-vagina tal-minuri meta din kellha biss sitt snin, it-tqeghid sfurzat ta' id il-minuri fuq il-parti genitali tal-imputat sal-punt tal-egakulazzjoni jikkostitwixxu, certament u ampjament dak illi l-ligi tikkategorizza bhala '*lewd acts*' jew '*atti di libidini*'.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux

sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija versus Carmelo Spiteri** deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Fil-kaz in ezami il-Qorti m'ghandiex quddiemha minuri zaghzugha, li forsi ga kellha xi avventura sesswali. Dan il-kaz jitratta dwar tifla ta' bejn sitta (6) u sebgha (7) snin u l-atti di libidini prattikati fuqha mill-imputat kellhom bhala konsegwenza l- korruzzjoni ta' din it-tifla ckejkna.

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-aggravi tal-Artiklu 203 u jirrizulta b'mod manifest illi l-imputat gie fdat il-minuri Ommissis Child sabiex jindukrha jew izommha diversi drabi. Jirrizulta b'mod ampju li l-abbuz sesswali sar ukoll **b'qerq li kien jikkonsisti fil-perswazjoni malizjuza da parti tal-imputat li l-abbuz sesswali fir-realta ma kienx jikkonsiti fil-hazen.**

L-imputat gie ukoll mixli b'sekwestru illegali ai tenur ta Artiklu 86 u 87 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi x-xhieda ta' Ommissis Child turi b'mod inekwiviku illi f'okkazzjoni minnhom wara li kien ghal darba ohra sehh kien abbuza sesswalment lill-minuri Ommissis Child, l-imputat kien sakkar lil Ommissis Child u lil huwa f'kamra. Jidher b'mod

car illi l-imputat ghamel hekk il ghaliex il-minuri kienet qaltlu illi kienet ser tghid lil ommha b'dak li kien qed jigri.

Ikkunsidrat:

Illi dana kollu jinkwadra fil-parametri tal-Artiklu 86 Kap 9. Irid jinghad illi dan is-sekwestru illegali ma sehhx ghal zmien konsiderevoli minhabba r-reazzjoni tal-minuri Ommissis A. Ma jidhirx pero illi s-sekwestru illegali sar sabiex il-minuri tigi imgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha ai termini ta' Art. 87 tal-Kap 9 u dana l-ghaliex l-abbuz sesswali kien ga sehh u s-sekwestru sar sabiex ma jigix zvelat l-istess abbuz sesswali.

Illi l-imputat huwa wkoll mixli illi hedded u insulenta lill-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 339(1) (e) tal-Kap 9. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-abbuz sesswali apparti ma jirrizultax, mill-atti processwali, theddid jew insulti ulterjuri.
L-imputat, kif jirrizulta mill provi, m'huwiex il-missier naturali ta' Ommissis Child u l-anqas ma kien it-tutur taghha. Ghaldaqstant l- artikolu 203 (2) Kap 9, m' huwiex applikabbli ghal kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib lill-imputat Ommissis X hati tal-ewwel zewg akkuzi u wara illi rat Artiklu 18, 203(1)(a)(b)(c), 86, 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal hames snin prigunerija li minnhom irrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv. Illi in oltre il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favor il-minuri u l-familja taghha u kontra l-imputat fiz-zmien massimu kontemplat mill-ligi bil-kundizzjoni li l-imputat ma jkellimx, ma javvicinax, ma jimmolestax lill-minuri Ommissis Child u l-familja taghha u dana wara li l-Qorti ezaminat il-konsiderazzjonijiet kontemplati f'Artiklu 412C (4) Kap 9.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, il-gravita tal-abbuz fuq tifla ta' taht id-disa' snin u l-medda ta' zmien illi fih twettaq dan l-abbuz

sesswali mill-imputat illi lilu gie akkordat fiducja piena mill-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------